GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U
ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data: 28 t' April 2021** **Ref: DDLTS 11/2021**

**Għal: Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn: Is-Sur Vincent M. Carabott – Uffiċjal Edukattiv għal-Litteriżmu Diġitali**

**Suġġett: SELFIE u Digital Citizenship Education (DCE) sessjoni onlajn għall-Edukaturi**

---

Id-Direttorat tal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Transversali jistiednek tattendi sessjoni onlajn dwar SELFIE u Digital Citizenship Education nhar **l-Erbgħa, 5 ta' Mejju, 2021 mill-10:00am sal-11:30am**. Ikun ta' benefiċċju jekk dawk li se jkunu qed jipparteċipaw ikollom magħhom kopja tal-SDP tal-iskola tagħhom, u possibilment l-aħħar rapport tas-SELFIE li l-iskola għandha. Dawn se jkun hemm referenza għalihom waqt is-sessjoni.

Is-SELFIE (Self-Reflection on Effective Learning by Fostering the use of Innovative Educational technologies) se tkun aċċessibbli għall-iskejjel kollha tal-Istat u dawk mhux Statali, għall-istudenti, l-edukaturi u kapijiet u asisstenti kapijiet sal-**Ġimgħa, 23 ta' Lulju, 2021**.

Huwa importanti li kull skola li se tipparteċipa taħtar kordinatur tas-SELFIE biex jirreġistra l-iskola, u jikkordina dan l-eżerċizzju ta' riflessjoni. **L-ittre ġeneriku tal-iskola** għandu dejjem jiġi fornit matul ir-reġistrazzjoni. Is-SELFIE se tgħin lill-iskejjel biex ikunu jafu aħjar fejn jinsabu fl-użu innovattiv tal-għodod diġitali fit-tagħlim, l-aktar meta dawn huma nklużi fl-iSchool Development Plan (SDP). Aktar informazzjoni dwar ir-rwol tal-kordinatur tas-SELFIE tista' tinkiseb minn: https://ec.europa.eu/education/schools-go-digital/how-selfie-works/registration_mt

Digital Citizenship Education (DCE) tiffoka fuq l-iżvilupp tal-kompetenzi li l-istudenti għandhom bżonn biex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà permezz tal-użu ta' teknoloġiji diġitali. Huwa rakkomandat li Digital Citizenship Education ma tkunx trattata bħala suġġett fil-kurrikulu iżda li tkun parti mill-kultura tal-iskola li tibbaża fuq valuri u atitudnijiet u mhux biss ħiliet tekniċi u tagħrif.

Din is-sessjoni ta' informazzjoni se tkun immirata biex tgħin lill-edukaturi jagħrfu l-importanza li l-iskejjel għandhom biex irawmu fl-istudenti tagħhom prattiċi ta' DCE ħalli jgħinuhom jagħmlu l-aħjar użu mit-teknoloġiji diġitali li jkollhom aċċess għalihom.

Qabel ir-reġistrazzjoni, l-edukaturi interessati, huma ġentilment mitluba jikkonsultaw mal-kap tal-iskola u jirreġistraw fuq **https://bit.ly/2Qr9bxA** **sat-Tlieta l-4 ta' Mejju, 202**1.

Grazzi tal-koperazzjoni tagħkom,

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**

t + 356 2598 1565/6 e digital-literacy@ilearn.edu.mt | www.education.gov.mt